MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2013

Numru. 576/2013

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Ben Brahim Mosbah Mohsen ta` 52 sena iben Brahim u Omelklir imwieled it-Tunisia nhar l-01 ta` Marzu 1961 u residenti fil-Facilita` Korrettiva ta` Kordin u detentur tal-Passaport Tunisin bin-numru: E619226;

Talli;

Fit-08 ta` Novembru, 2013 gewwa dawn il-Facilita` Korrettiva ta` Kordin, Rahal Gdid;

1) Kellu fil-pussess tieghu id-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda ta` l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi. Meta ma kienx fil-pussess ta` awtorizzazjoni ghall-

importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-tabib Prinicpali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta` l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort` ohra awtorizzat li jimmanfiattura, jew li jforni d-droga msemmija u fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta` l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta` l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi. Liema droga instabet f`tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

2) U aktar talli bhala persuna li mhux impjegata fil-habs Facilita Korretiva ta` Kordin, minghajr l-awtorita` legittima, dahhal jew ipprova jdahhal f`xi parti tal-konfini ta` Habs xi oggett, ikun li jkun, li huma pprojbiti skond xi regolamenti maghmula skond dan l-Att , jew iggorr jew ipprova jggorr xi oggett bhal dawk barra minn xi habs

3) U aktar talli b`hekk sar recidiv b`diversi sentenzi tal-Qorti liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement dwar il-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni tieghu;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikolu 8 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 7 tal-Kap 260 tal-Ligijiet ta' Malta;
Kif ukoll l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi bl-ammissjoni tal-imputat, din il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li ssibu hati u tghaddi minnufih ghas-sentenza, u ghaldaqstant tikkundanah ghall-piena ta' sentejn u nofs prigunerija.

Tordna d-distruzzjoni tal-mobile esebit fl-atti taht l-awtorita' tal-Pulizija.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**ANTHONY J. VELLA BA, LL.D., MA**
**MAGISTRAT**
.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------